Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 2/2012AE

**Mark u Nathalie Farrugia**

**Vs**

**K.N.K. Airconditioners Co Ltd**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' avviz ta' talba prezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, l-atturi talbu li s-socjeta konvenuta tatihom tank ta' *solar water heater* peress li jsostnu li dak li gie nstallat kellu d-daqqiet. Huma kkwantifikaw l-oggett tal-kawza fis-somma ta' tmien mija u disghin ewro (€890). Il-konvenuta wiegbet li l-apparat li twahhal ma kellux difetti.

Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ottubru 2015 din il-qorti ddecidiet:-

*"Ghal dawn il-motivi l-qorti:-*

1. *Tichad l-ewwel, tieni u tielet aggravju.*
2. *Tilqa' r-raba' aggravju tal-appellant u thassar is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2012. Peress li d-deposizzjoni tax-xhieda ma gietx traskritta hemm bzonn li din il-qorti tisma' bil-gurament lill-atturi u Pierre Vella Petroni"*

*Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba hu evidenti li dak li gara kien minhabba zball tat-Tribunal".*

Dakinhar il-kawza giet differita ghas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015, f'liema seduta hadd mill-partijiet m'attenda. Il-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum u b'hekk il-partijiet regghu nghataw opportunita' li jressqu l-provi. Madankollu llum rega' ma deher hadd. Fic-cirkostanzi l-qorti ddikjarat maghluq l-istadju tas-smigh tal-provi.

Dan ifisser li kull m'ghandha quddiemha l-qorti huma dokumenti li jikkonsistu f'ritratti u ricevuti. Pero' minn dawn id-dokumenti biss il-qorti m'hijiex f'posizzjoni tikkonkludi li t-talba tal-atturi hi gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi gialadarba ma tressqux provi in sostenn tat-talba, tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez a karigu taghhom**.

Anthony Ellul.